43

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 293/13 (JE).

Noel Debattista

vs

Bugeja Co. Ltd.

Illum, 3 ta' Marzu 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Noel Debattista tad-19 ta' Diċembru 2013 fejn stqarr illi xtara geyser żgħir tal-elettriku mingħand is-soċjetà konvenuta fis-7 t'April 2012 b'garanzija ta' sentejn. Kien staqsa lil min biegħu jekk jistax iwaħħlu barra u r-risposta kienet fl-affermattiv. Xi ħmistax qabel ma' ġiet intavolata din it-talba, il-geyser ġralu l-ħsara u l-attur mar il-ħanut sabiex jieħu vantaġġ tal-garanzija illi kienet ingħatatlu. Hu ħa l-geyser miegħu u ġie nfurmat sabiex iċempel lil sid is-soċjetà konvenuta illi kkonfermalu illi kien ser jibgħatlu bniedem sabiex jistallalu geyser ġdid. Meta dan mar għand l-attur nfurmah illi ma setgħax jibdilulu għax il-label fuq il-geyser ma kienetx hemm u qatt jirrepeti illi huwa osserva l-obbligi tiegħu biex ibiddel il-geyser imma l-attur naqas illi josserva l-obbligi tiegħu. L-attur ċempel mill-ġdid lis-sid li qallu li ma setax ibidillu l-geyser mingħajr il-label għax il-kumpanija ta' barra ma ttiehx il-flus lura. L-attur qal ukoll illi hu ma jiftakarx illi dan il-geyser xi darba kellu xi label. Meta l-attur offra illi jikkuntattja lil fornitur barrani, is-soċjetà konvenuta rrifjutat illi tagħtih id-dettalji. Għaldaqstant, l-attur kellu jixtri geyser ieħor.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha sostniet illi l-geyser ma setgħax jinbidel għax ma kienx hemm label bis-serial number illi għalih kienet qed tagħmel referenza il-garanzija.

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Il-fatti ta' dina l-kwistjoni m'humiex kontestati.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tinsisti illi ma tistax tosserva l-garanzija kummerċjali imma anke jekk għall-grazzja tal-argument kellha raġun, u t-Tribunal irid jagħmilha ċara illi għandu dubji kbar kif is-serial number ta' oġġett ma jkunx indikat b'mod permanenti imma allegatament b'tikketta illi tmur biż-żmien, qiegħda tinjora l-garanizja statutorja illi teżisti kemm fil-Kodiċi Ċivili kif ukoll fl-artikli 73, 74 u 78 tal-Kap. 378. Ġaladarba ġie konstatat nuqqas ta' konformità fi żmien sentejn

mix-xiri tal-oġġett u ġaladarba dan hu oġġett illi wieħed jistenna illi jservi aktar minn sentejn u normalment hekk jagħmel u ġaladarba l-attur informa lill-attur immedjatament bil-ħsara fl-oġġett minkejja illi tali tagħrif ma sarx bil-kitba, is-soċjetà konvenuta ma tistax tesimi ruħha mir-responsabilità statutorja tagħha. It-Tribunal ma jistax ma jinnotax ukoll illi l-kwistjoni tat-tikketta ma qamietx meta l-attur ħa l-geyser il-ħanut imma biss meta mar għandu il-bniedem mibgħut mingħand is-soċjetà konvenuta. Wieħed kien jistenna illi l-attur kien jiġi nfurmat immedjatament b'din il-ħtieġa illi tiġi ppreżentata t-tikketta. It-Tribunal jinnota ukoll illi l-garanzija kummerċjali ppreżentata mal-avviż imkien ma ssemmi illi trid tiġi ppreżentata t-tikketta sabiex il-garanzija tiġi osservata. Fl-aħħarnett, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ammetta illi l-geyser in kwistjoni nxtara mingħandha u li hi biss timporta dina l-marka f'Malta.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' € 78 li jirrappreżenta l-prezz tal-geyser in kwistjoni.

Spejjeż ta' dina l-vertenza għas-soċjetà konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.